IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.12.2011
KUMM(2011) 911 finali

2011/0447 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## fuq id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-għan tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni tal-1980"), sal-lum irratifikata minn 86 pajjiż, inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE, huwa li jerġa' jkun hemm l-istatus quo permezz tar-ritorn immedjat ta' tfal li jitneħħew jew li jinżammu b'mod inġust permezz ta' sistema ta' kooperazzjoni fost awtoritajiet ċentrali maħtura mill-Partijiet Kuntrattwali tagħha.

Minħabba li l-prevenzjoni tal-ħtif tat-tfal hija parti essenzjali mill-politika tal-UE biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, l-Unjoni Ewropea hija attiva fil-livell internazzjonali biex ittejjeb l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-1980 u tinkoraġġixxi Stati terzi biex jaċċedu għaliha. B'mod partikolari, il-Kummissjoni minn dejjem tenfasizza l-ħtieġa tal-Federazzjoni Russa li taderixxi għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 sabiex wieħed ikun jista' jistrieħ fuq qafas legali komuni tal-UE-Russja biex jiġu trattati każijiet ta' ħtif tat-tfal.

Il-kwistjoni kienet diskussa għal bosta snin f'livelli differenti, partikolarment fil-kuntest tal-Kunsill ta' Sħubija Permanenti UE-Russja fuq il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà, u fl-aħħar ir-Russja ddeċidiet li tiddepożita l-istrument tal-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-1980 fit-28 ta' Lulju 2011. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fir-Russja fl-1 ta' Ottubru 2011.

L-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-1980 jistipula li l-Konvenzjoni tapplika bejn il-pajjiż aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni. B'hekk, l-Unjoni Ewropea trid tiddeċiedi jekk taċċettax l-adeżjoni tar-Russja u jekk dan ikun il-każ, l-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni dwar l-adeżjoni tar-Russja fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

Minħabba li l-ħtif internazzjonali tat-tfal jaqa' fil-kompetenza esklussiva esterna tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni dwar jekk l-Istati Membri għandhomx jaċċettaw l-adeżjoni tar-Russja għall-Konvenzjoni tal-1980 għandha tittieħed permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

## 2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

L-adeżjoni tar-Russja għall-Konvenzjoni tal-1980 ilha mistennija mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, li, f'diversi okkażjonijiet stiednu lill-Kummissjoni biex tenfasizza b'mod ferm, fil-kuntest tal-laqgħat mal-kontropartijiet Russi, il-ħtieġa biex jittieħdu passi konkreti lejn l-adeżjoni għal din il-Konvenzjoni.

Il-laqgħa tal-esperti organizzata f'Novembru tal-2009 mill-Kummissjoni Ewropea biex tiġi diskussa l-kooperazzjoni bejn ir-Russja u l-UE żvelat kunsens ġenerali mill-Istati Membri fl-appoġġ ta' kooperazzjoni mar-Russja permezz ta' ftehimiet multilaterali, speċjalment fil-qasam tal-liġi tal-familja. F'dan il-kuntest kienet enfasizzata l-importanza tal-qafas legali rappreżentat mill-Konvenzjonijiet tal-Aja.

In-nuqqas ta' qafas legali komuni mar-Russja bl-għan li jinstabu soluzzjonijiet għal każijiet sensittivi ta' ħtif tat-tfal kien muri wkoll mill-fatt li l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni[1] li tippermetti Stat Membru biex jibda negozjati formali ma' Stat terz fuq il-bażi ta' proċedura stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 664/2009[2] kienet tabilħaqq tikkonċerna ftehim bilaterali previst għal mar-Russja fuq il-kwistjoni tal-ħtif tat-tfal.

Il-proġett konġunt ta' kooperazzjoni – "L-Applikazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-Aja fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal fil-Federazzjoni Russa"- imniedi fid-9 ta' Frar 2011 mill-Unjoni Ewropea u mill-Federazzjoni Russa ġie wkoll milqugħ tajjeb mill-Istati Membri. Għandu l-għan li jiffaċilita l-adeżjoni tar-Russja għall-Konvenzjonijiet tal-Aja dwar il-liġi tal-familja, inkluża l-Konvenzjoni tal-1980.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Skont il-ġurisprudenza[3] tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali ta' tfal taqa' fil-kompetenza esterna esklussiva tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni interna tal-Unjoni permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri (ir-Regolament Brussell IIa")[4], li ilu applikabbli bejn l-Istati Membri mill-1 ta' Marzu 2005. Ir-Regolament idaħħal regoli aktar stretti mill-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar il-ħtif ta' tfal mill-ġenituri, b'mod partikolari fl-Artikolu 11 tiegħu. Jirreferi direttament għall-Konvenzjoni tal-Aja u jsostni l-prinċipji tiegħu fil-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Il-Konvenzjoni tal-1980 ġiet adottata iktar minn 20 sena qabel ir-Regolament Brussell IIa u b'hekk ma fihiex dispożizzjonijiet li jippermettu l-aċċess ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali bħall-Unjoni Ewropea (l-hekk imsejħa klawsola REIO). F'sitwazzjoni bħal din, l-Istati Membri jridu jirratifikaw jew jaderixxu għall-Konvenzjoni fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

B'hekk l-Istati Membri għandhom jiddikjaraw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-aċċettazzjoni rigward l-adeżjoni tar-Russja għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980. Għall-iskop ta' koerenza u uniformità tal-liġi tal-UE, din id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni għandha ssir simultanjament mill-Istati Membri f'qafas ta' żmien stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-Kummissjoni tipproponi li d-dikjarazzjoni għandha tiġi ddepożitata mill-Istati Membri mhux iktar tard minn xahrejn wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huwa kruċjali għall-applikazzjoni prattika tal-Konvenzjoni tal-1980 li Parti Kontraenti tinnomina Awtorità Ċentrali kif meħtieġ mill-Artikolu 6 tagħha sabiex taqdi d-dmirijiet li huma imposti mill-Konvenzjoni fuq awtoritajiet bħal dawn. L-Istati Membri kollha nnominaw Awtoritajiet Ċentrali taħt il-Konvenzjoni tal-1980. Sal-lum, il-Federazzjoni Russa għadha ma nnominatx l-Awtorità Ċentrali li hija meħtieġa biex tgħin liċ-ċittadini Ewropej f'każijiet tat-teħid inġust ta' tfal lejn ir-Russja. B'hekk ikun tajjeb li d-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-

---

[1] COM (2010)8577 finali

[2] ĠU L 200, 31.7.2009, pp. 46-51

[3] L-Opinjoni 1/03 tas-7 ta' Frar 2006 tal-Qorti dwar il-kompetenza tal-Komunità li tikkonkludi l-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano dwar il-Ġuriżdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi fi Kwistjonjiet Ċivili u Kummerċjali.

[4] ĠU L 338, 23.12.2001.

adeżjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Konvenzjoni tal-1980 tidħol fis-seħħ man-nomina tal-Awtorità Ċentrali mill-Federazzjoni Russa.

Minħabba l-fatt li d-deċiżjoni tirrigwarda ftehim internazzjonali, il-bażi legali applikabbli hija l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-Artikolu 81 (3). Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

2011/0447 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**fuq id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218 u 81(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[5],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbilixxiet bħala prijorità l-ħarsien u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, kif mistqarr fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u tikkunsidra l-prevenzjoni tal-ħtif tat-tfal bħala parti essenzjali minn din il-politika.

(2) L-Unjoni Ewropea adottat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri (l-hekk imsejjaħ Regolament Brussell IIa"), li għandu l-għan li jħares it-tfal mill-effetti dannużi tat-teħid jew taż-żamma inġusta tagħhom u biex jiġu stabbiliti proċeduri biex jiżguraw ritorn rapidu tagħhom lejn l-Istat tar-residenza abbitwali tagħhom, kif ukoll biex jiżgura l-ħarsien tad-drittijiet ta' aċċess u kustodja.

(3) Ir-Regolament Brussell IIa jikkomplementa u jirrinforza d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Htif Internazzjoni tat-Tfal (minn hawn 'il quddiem: "il-Konvenzjoni tal-1980") li tistabbilixxi fuq livell internazzjonali, sistema ta' kooperazzjoni fost awtoritajiet ċentrali mmirata biex jiġi żgurat ritorn immedjat ta' minuri mneħħija jew miżmuma b'mod inġust. B'mod partikolari, l-Artikolu 11 tar-Regolament Brussell IIa jinkorpora r-regoli u l-prinċipji tal-Konvenzjoni tal-1980.

(4) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma Partijiet fil-Konvenzjoni tal-1980.

(5) L-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi lil Stati terzi biex jaċċedu għall-Konvenzjoni tal-1980 u tappoġġja l-implimentazzjoni korretta tagħha billi tieħu sehem, fost oħrajn, fil-

[5] ĠU C , , p. .

Kummissjonijiet Speċjali organizzati fuq bażi regolari mill-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

(6) L-Unjoni Ewropea tisħaq li qafas legali komuni applikabbli bejn l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi jista' joffri l-aħjar soluzzjoni għal każijiet sensittivi ta' każijiet ta' ħtif internazzjonali tat-tfal, meta jfallu l-kanali diplomatiċi u l-medjazzjoni.

(7) Għal dan il-għan, l-Unjoni Ewropea ilha żmien twil tħeġġeġ l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Konvenzjoni tal-1980 u din il-kwistjoni hija parti importanti mid-diskussjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'kwistjonijiet ċivili bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa fil-kuntest tal-Kunsill ta' Sħubija Permanenti UE-Russja fuq il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà u kif ukoll f'livell ministerjali.

(8) Il-Federazzjoni Russa ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-1980 fit-28 ta' Lulju 2011. Id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni tal-1980 seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011.

(9) L-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-1980 jistipula li l-Konvenzjoni tapplika bejn il-pajjiż aderenti u dawk l-Istati Kontraenti li jkunu ddikjaraw li aċċettaw l-adeżjoni.

(10) Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-Opinjoni 1/03 tas-7 ta' Frar 2006 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1980 jaffettwaw il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni Ewropea fuq il-ħtif internazzjonali tat-tfal u r-responsabbiltà tal-ġenituri, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri. Il-kwistjonijiet ittrattati mill-Konvenzjoni tal-1980 b'hekk jaqgħu fil-kompetenza esterna esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

(11) Skont il-Konvenzjoni tal-1980, l-Istati sovrani biss jistgħu ikunu parti fiha. B'hekk, l-Unjoni Ewropea la tista' taderixxi fiha u lanqas tiddepożita d-dikjarazzjoni tagħha ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tar-Russja.

(12) B'hekk l-Istati Membri għandhom jiddepożitaw id-dikjarazzjoni tagħhom ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tar-Russja fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

(13) Permezz ta' dikjarazzjoni, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tar-Russja sabiex il-Konvenzjoni tal-1980 tkun applikabbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa. Ikun tajjeb li l-dispożizzjonijiet tagħha jiġu applikati mingħajr dewmien, fid-dawl tal-kontribuzzjoni prezzjuża tal-Konvenzjoni tal-1980 għall-ħarsien tal-minuri fil-livell internazzjonali.

(14) Billi, madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-1980 jistgħu biss jiġu applikati b'mod sħiħ meta l-Istat Kontraenti jkun innomina Awtorità Ċentrali skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-1980, id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni għandha tidħol fis-seħħ ladarba l-Federazzjoni Russa tinnomina tali Awtorità Ċentrali.

(15) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u la hija marbuta biha u lanqas suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea se jiddepożitaw simultanjament, u mhux iktar tard minn [ŻID ID-DATA: xahrejn mill-adozzjoni] dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal fl-interess tal-Unjoni Ewropea kif ġej:

*"[L-ISTAT MEMBRU] jiddikjara li jaċċetta, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal mill-mument tan-nomina ta' Awtorità Ċentrali mill-Federazzjoni Russa, kif mitlub skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Il-Konvenzjoni se tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tielet xahar kalendarju wara n-nomina ta' Awtorità Ċentrali mill-Federazzjoni Russa".*

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*